# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-31 ta' Ottubru 2007

## li temenda l-lista ta' esperti nominati bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent u l-estensjoni tal-mandat tagħhom

(2007/708/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 152 u 153 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/210/KE tat-3 ta' Marzu 2004 li tistabbilixxi Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/210/KE tipprevedi t-twaqqif tal-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumatur ("l-SCCP"), il-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Sanitarji u Ambjentali ("l-SCHER") u l-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Sanitarji Emerġenti u dawk li ġew Identifikati Reċentement ("l-SCENIHR") ("il-Kumitati Xjentifiċi"). Skond l-Artikolu 3(4) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinnomina l-membri ta' dawn il-Kumitati Xjentifiċi.

(2) Skond l-Artikolu 7(1) ta' din id-Deċiżjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/263/KE, il-mandat tal-membri tal-Kumitati Xjentifiċi huwa limitat għal tliet snin, u għal tliet mandati konsekuttivi. Iżda, il-Kummissjoni tista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ittawwal il-mandat tal-membri ta' dawn il-kumitati għal perjodu li mhux itwal minn 18-il xahar sabiex tissalvagwardja l-kontinwità ta' l-għarfien espert.

(3) Id-Deċiżjoni C(2004) 2788 dwar in-nomina tal-membri tat-tliet Kumitati Xjentifiċi stabbiliti bid-Deċiżjoni 2004/210/KE tistipula li l-esperti mniżżla fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma nominati bħala membri tat-tliet Kumitati Xjentifiċi stabbiliti bid-Deċiżjoni 2004/210/KE.

(4) Il-mandat tal-membri preżenti tal-Kumitati Xjentifiċi se jiskadi fl-Lulju 2007. Iżda, il-kompożizzjoni tal-Kumitati Xjentifiċi jeħtieġ li tiġi emendata sabiex jitqies id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru li jikkonċerna r-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi li emenda id-direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769 KEE u id-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE ([2]). Barra minn hekk, sabiex il-Kummissjoni tħejji b'mod xieraq ir-reviżjoni tal-provvista ta' pariri xjentifiki fid-dawl tal-ħidmiet ġejjiena tal-Kumitati Xjentifiċi, mingħajr ma tfarbat il-kontinwità tal-pariri xjentifiċi fil-perjodu ta' tranżizzjoni sakemm titwaqqaf l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi, il-mandat tal-membri għandu jiġi mtawwal sal-31 ta' Diċembru 2008.

(5) Il-Kummissjoni għalhekk għandha tinnomina l-membri tal-Kumitati Xjentifiċi għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2008,

(6) Xi wħud mill-membri preżenti tal-Kumitati Xjentifiċi esprimew l-intenzjoni tagħhom li ma jibqgħux fil-kariga għal perjodu addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2008. Dawn il-membri għalhekk għandhom jiġu maqtugħa mill-lista ta' esperti nnominati bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi stabbiliti fl-Anness 1 tad-Deċiżjoni C(2004) 2788.

(7) Id-Deċiżjoni C(2004) 2788 għandha għalhekk tiġi emendata skond dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-lista emendata ta' esperti nnominati bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi stabbiliti fl-Anness 1 tad-Deċiżjoni C(2004) 2788 u ppubblikati fis-sensiela C 209 tal-Ġurnal Uffiċjali tal-31 ta' Awwissu 2006 tinbidel u minflokha jidħol it-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni..

([1]) ĠU L 66, 4.3.2004, p. 45. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/263/KE (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 14).

([2]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3.

*Artikolu 2*

Il-mandat tal-membri tal-Kumitati Xjentifiċi msemmija fl-Artikolu 1 jiġi mtawwal sal-31 ta' Diċembru 2008.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## Lista ta' esperti nnominati bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi

Lista emendata f'ordni alfabetiku tax-xjenzati nnominati mill-Kummissjoni bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi mwaqqfa bid-Deċiżjoni 2004/210/KE ta' l-3 ta' Marzu 2004 kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/263/KE. Din il-lista tieħu post il-lista ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 209 tal-31 ta' Awwissu 2006.

### Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti għall-Konsumatur (SCCP)

| | |
|---|---|
| Dr. Claire Chambers | Consultant Toxicologist, Chambers Toxicological Consulting. Research associate at the University of Dublin, Ireland. |
| Prof. Gisela Degen | Head of Biochemical-Toxicological Laboratory, Institut für Arbeitsphysiologie, University of Dortmund, Germany. |
| Prof. Ruta Dubakiene | Head of Allergy Centre, Vilnius University Antakalnis Clinical Hospital, Lithuania. |
| Dr. Bozena Jazwiec-Kanyion | Environmental scientist at the Institute of Occupational Medicine and Environmental Health, Poland. |
| Prof. Em. Vassilios Kapoulas | Emeritus Professor of Biochemistry, University of Ioannina, Greece. |
| Prof. Jean Krutmann | Director, Institut für Umweltmedizinische Forschung (IUF), Heinrich-Heine-University, Düsseldorf, Germany. |
| Prof. Carola Lidén | Head of Department of Occupational and Environmental Health, Stockholm Centre for Public Health, Sweden. |
| Prof. Jean-Paul Marty | Professor of Pharmacology, Laboratory of Dermopharmacology and Cosmetology, Faculty of Pharmacy, University of Paris South, France. |
| Prof. Thomas Platzek | Professor, Dr. rer. nat., Bundesinstitut für Risikobewertung, Germany. |
| Dr. Suresh Chandra Rastogi | Senior Research Scientist, Department of Environmental Chemistry and Microbiology, National Environmental Institute, Denmark. |
| Prof. Jean Revuz | Chef de service, Service universitaire de dermatologie, hôpital Henri-Mondor, France. |
| Prof. Vera Maria Rogiers | Head of Department, Department of Toxicology, Dermato-Cosmetology and Pharmacognosy, Vrije Universiteit Brussel (VUB), Belgium. |
| Prof. Tore Sanner | Head of Department of Environmental and Occupational Cancer, The Norwegian Radium Hospital Institute for Cancer Research, Norway. |
| Prof. Günter Speit | Professor of Human Genetics, Department of Human Genetics, University Clinic Ulm, Germany. |
| Dr. Jacqueline van Engelen | Centre for Substances and Integrated Risk Assessment, Senior scientist, National Institute for Public Health and the Environment, (RIVM), Netherlands. |
| Dr. Ian White | Consultant Dermatologist, St. John's Institute of Dermatology, St Thomas' Hospital, United Kingdom. |

### Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER)

| | |
|---|---|
| Prof. Herman Autrup | Professor of Environmental Medicine, Department of Environmental and Occupational Medicine, University of Arhus, Denmark. |
| Prof. Peter Calow | Guest Professor at the Department of Life Sciences and Chemistry, Roskilde University, Denmark. |
| Prof. Dr. Wolfgang Dekant | Professor at the Institut für Toxikologie Universität Würzburg, Germany. |
| Prof. Em. Helmut Greim | Professor of Toxicology at the Institute of Toxicology and Environmental Hygiene, Technical University of Munich, Germany. |
| Prof. Wojciech Hanke | Head of Environmental Reproductive Hazard Unit, Department of Environmental Epidemiology, Nofer Institute of Occupational Medicine, Poland. |
| Prof. Dr. Colin Janssen | Professor of Ecotoxicology, Ghent University, Belgium. |

| | |
|---|---|
| Prof. Bo Oscar Jansson | Professor at the Institute of Applied Environmental Research, Stockholm University, Sweden. |
| Dr. Hannu Komulainen | Head of Laboratory of Toxicology, Division of Environmental Health, National Public Health Institute, Finland. |
| Dr. Ole Ladefoged | Senior Scientist Danish Food and Veterinary Research, Institute of Food Safety and Nutrition, Denmark. |
| Prof. Johannes Linders | Risk evaluator, expert in Pesticides, Centre for Substances and Risk Assessment, National Institute of Public Health and Environment (IRVM), Netherlands. |
| Dr. Inge Mangelsdorf | Head of Department of Chemical Risk Assessment, Fraunhofer Institute for Toxicology and Experimental Medicine, Germany. |
| Prof. Marco Nuti | Professor, Dipartimento di Chimica e biotecnologie agrarie, Pisa University, Italia. |
| Prof. Anne Steenhout | Professor of Ecotoxicology, Institute for Environmental Management and Physical Planning (GEEPSIH), Université Libre de Bruxelles, Belgium. |
| Dr. Jose Tarazona | Director of Department of the Environment INIA, Spanish National Institute For Agriculture and Food Research and Technology, Spain. |
| Dr. Emanuela Testai | Senior Scientist, Environment and Primary Prevention Mechanisms of Toxicity Unit, Istituto superiore di Sanità, Italy. |
| Prof. Marco Vighi | Professor of Ecology and Applied Ecology, Department of Environmental Sciences, University of Milano Bicocca, Italy. |
| Dr. Matti Viluksela | Senior researcher on Toxicology, Environmental Health Department, National Public Health Institute, Finland. |

**Kumitat Xjentifiku għar-Riskji tas-Saħħa Emerġenti jew Riċentement Identifikati (SCHENIHR)**

| | |
|---|---|
| Prof. Anders Ahlbom | Professor and Head of Division of Epidemiology, Institute of Environmental Medicine. Director of Division of Epidemiology, Stockholm County Council, Karolinska Intitutet, Sweden. |
| Prof. James Bridges | Professor of Toxicology and Environmental Health, United Kingdom. |
| Dr. Wilhelmus De Jong | Toxicological Pathologist Laboratory for Toxicology Pathology and Genetics, National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Netherlands. |
| Prof. Philippe Hartemann | Professeur de santé publique, Département environnement et santé publique, Faculté de médecine, université de Nancy, France. |
| Dr. Thomas Jung | Research group leader, Laboratory of Micro- and Nanostructure, Paul Scherrer Institut, Switzerland. |
| Prof. Mats-Olof Mattsson | Professor in Biology, Department of Natural Sciences, Orebro University, Sweden. |
| D$^{r}$ Jean-Marie Pagès | Directeur de recherche, Institut national de la santé et de la recherche médicale (INSERM), Faculté de médecine, université de Marseille, France. |
| Prof. Konrad Rydzynski | Director General Nofer Institute of Occupational Medicine, Poland. |
| Dr. Dorothea Stahl | Assistant Medical Director, Institute for Transfusion Medicine and Transplantation Immunology, University of Muenster, Germany. |
| D$^{r}$ Mogens Thomsen | Directeur de recherche, Institut national de la santé et de la recherche médicale (INSERM), Rangeuil, France. |
| Prof. David Williams | Director Centre for Tissue Engineering, Department of Clinical Engineering, University of Liverpool, United Kingdom. |